



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.12.2019
C(2019) 9061 final

DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 17.12.2019

li temenda, għall-finijiet tal-adattament għall-progress xjentifiku u tekniku, l-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għall-użu taċ-ċomb f' elettrodi tal-platinu platinizzat użati għal ċertu kejl tal-konduttività

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Din id-Direttiva Delegata tal-Kummissjoni temenda, għall-finijiet tal-adattament għall-progress tekniku, l-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (tfassil mill-ġdid)¹ (id-Direttiva RoHS 2) fir-rigward ta' eżenzjoni għal applikazzjonijiet speċifiċi li fihom iċ-ċomb.

Id-Direttiva RoHS 2 tirrestrinġi l-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku, kif previst fl-Artikolu 4 tagħha. Daħlet fis-seħħ fil-21 ta' Lulju 2011.

Is-sustanzi attwalment ristretti kif elenkati fl-Anness II tad-Direttiva RoHS 2 huma dawn li ġejjin: iċ-ċomb, il-merkurju, il-kadmju, il-kromju eżivalenti, il-bifenili polibromurati (PBB), l-eteri tad-difenil polibromurat (PBDE), il-ftalat tal-bis(2-etileżil) (DEHP), il-ftalat benżil butil (BBP), il-ftalat tad-dibutil (DBP) u l-ftalat tad-diisobutil (DIBP). L-Annessi III u IV tad-Direttiva RoHS 2 jelenkaw il-materjali u l-komponenti tat-tagħmir elettriku u elettroniku (EEE) għal applikazzjonijiet speċifiċi eżentati mir-restrizzjoni fuq is-sustanzi skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva RoHS 2.

L-Artikolu 5 jipprevedi l-adattament għall-progress xjentifiku u tekniku (l-inklużjoni, it-tiġdid, l-emendi u r-revoka tal-eżenzjonijiet) tal-Annessi III u IV. F'konformità mal-Artikolu 5(1)(a) l-eżenzjonijiet iridu jiġu inklużi fl-Annessi III u IV biss jekk din l-inklużjoni ma ddgħajjix il-protezzjoni ambjentali u tas-saħħa li jagħti r-Regolament (KE) Nru 1907/2006² u meta tkun issodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin: meta t-tneħħija jew is-sostituzzjoni tagħhom permezz ta' bidliet fid-disinn jew fil-materjali u fil-komponenti li ma jeħtieġu l-ebda materjal jew sustanza elenkata fl-Anness II mhijiex prattikabbli mil-lat xjentifiku jew tekniku; meta l-affidabbiltà tas-sostituti mhix żgurata; jew meta t-total tal-impatti negattivi fuq l-ambjent, is-saħħa u s-sikurezza tal-konsumatur ikkawżati mis-sostituzzjoni x'aktarx li jissupra t-total tal-benefiċċji għall-ambjent, għas-saħħa u għas-sikurezza tal-konsumatur.

Barra minn hekk, l-Artikolu 5(1) jipprevedi li l-Kummissjoni Ewropea (il-Kummissjoni) għandha tinkludi materjali u komponenti tal-EEE għal applikazzjonijiet speċifiċi fil-listi tal-Annessi III u IV permezz ta' atti delegati individwali skont l-Artikolu 20. L-Artikolu 5(3) u l-Anness V jistabbilixxu l-proċedura għat-tressiq ta' applikazzjonijiet għall-għoti, għat-tiġdid jew għar-revoka ta' eżenzjoni.

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Mill-pubblikazzjoni tad-Direttiva RoHS 2, il-Kummissjoni rċeviet għadd sostanzjali³ ta' talbiet mingħand l-operaturi ekonomiċi, skont id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 5(3) u fl-Anness V, kemm għall-għoti ta' eżenzjonijiet ġodda kif ukoll għat-tiġdid ta' dawk eżistenti.

L-eżenzjoni 37 attwali tal-Anness IV tippermetti l-użu ta' iċ-ċomb f'elettrodi tal-platinu użati għall-kejl tal-konduttività meta jkun japplikaw ċerti kundizzjonijiet. F'Ġunju 2017 il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni waħda għat-tiġdid ta' din l-eżenzjoni. Filwaqt li l-eżenzjoni 37 kienet tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2018 għall-kategoriji 8 u 9, f'konformità mar-

¹ ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88.

² ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.

³ Il-lista tinsab fuq: http://ec.europa.eu/environment/waste/rohs_eee/adaptation_en.htm

rekviziti tad-Direttiva RoHS (l-Artikolu 5(5), it-tieni subparagrafu), l-eżenzjoni għandha tibqa' tapplika sakemm il-Kummissjoni tiegħu deċiżjoni dwar it-tigdid tal-applikazzjoni⁴.

Sabiex issir evalwazzjoni tal-applikazzjoni għal eżenzjoni, il-Kummissjoni nediet studju biex twettaq il-valutazzjoni teknika u xjentifika meħtieġa, li kienet tinkludi konsultazzjoni online u miftuħa- ta' sitt ġimgħat mal-partijiet ikkonċernati⁵ dwar l-applikazzjoni. Waqt il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati ma wasal l-ebda kontribut.

Ir-rapport finali li fih il-valutazzjoni tal-applikazzjoni ġie ppubblikat⁶; u l-partijiet ikkonċernati ġew notifikati b'dan.

Sussegwentement, fid-29 ta' Ottubru 2018 matul laqgħa tal-esperti, il-Kummissjoni kkonsultat grupp ta' esperti tal-Istati Membri għall-atti delegati skont id-Direttiva RoHS 2. L-esperti qablu mal-abbozz ippreżentat, waqt li maġġoranza ta' membri baqgħet siekta. Skont il-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, l-abbozz tad-Direttiva Delegata ġie ppubblikat fuq il-Portal għal Regolamentazzjoni Aħjar għal perjodu ta' erba' ġimgħat, li matulu l-pubbliku seta' jippreżenta r-reazzjonijiet tiegħu. Ma wasal l-ebda kumment. Twettqu l-passi kollha applikabbli relatati mal-eżenzjonijiet mir-restrizzjoni tas-sustanza f'konformità mal-Artikoli 5(3) sa 5(7)⁷. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew ġew innotifikati dwar l-attivitajiet kollha.

Ir-rapport finali saħaq l-aktar fuq l-informazzjoni u l-valutazzjoni tekniċi li ġejjin:

- Elettrodi tal-platinu platinizzati li fihom iċ-ċomb jintużaw fi strumenti speċjalizzati għall-kejl li jeħtieġu ċerti kwalitajiet ta' kejl bħal firxa wiesgħa, preċiżjoni għolja, jew affidabbiltà għolja għal konċentrazzjoni qawwija ta' aċidu u ta' alkali. L-elettrodi jiġu applikati fost l-oħrajn f'miters tal-konduktività elettrika għall-ispezzjoni u l-ittejtjar tal-ilma (ilma tax-xmajjar, ilma tal-baħar, ilma tax-xorb, effluwenti industrijali eċċ.).
- Bħalissa, is-sostituzzjoni jew l-eliminazzjoni taċ-ċomb fl-applikazzjonijiet ikkonċernati għadha xjentifikament u teknikament imprattikabbli.

Ir-riżultati tal-evalwazzjoni għall-kategoriji 8 u 9 juru li l-eżenzjoni speċifika ma ddgħajjifx il-protezzjoni ambjentali u tas-saħħa li jagħti r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (REACH), skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2011/65/UE. Barra minn hekk, mill-inqas wieħed mill-kriterji rilevanti speċifikati fl-Artikolu 5(1)(a) huwa ssodisfat permezz tat-talba għal eżenzjoni: Billi sal-lum għall-applikazzjonijiet ikkonċernati għad m'hemm l-ebda alternattiva affidabbli disponibbli, jew li mistennija tidħol fis-suq dalwaqt, l-għoti tal-eżenzjoni b'perjodu massimu ta' validità ta' seba' snin sal-31 ta' Diċembru 2025 huwa ġġustifikat. Billi s'issa għad m'hemmx sostituti affidabbli disponibbli, tul dan il-perjodu mhu mistenni l-ebda impatt soċjoekonomiku negattiv tas-sostituzzjoni. Lanqas il-perjodu ta' validità mogħti mhu mistenni jħalli impatti negattivi fuq l-innovazzjoni.

⁴ Il-kategoriji elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2011/65/UE huma prinċipalment: 1. Apparat elettrodomestiku kbir; 2. Apparat elettrodomestiku żgħir; 3. Tagħmir tal-informatika u t-telekomunikazzjoni; 4. Tagħmir tal-konsumatur; 5. Tagħmir tat-tidwil; 6. Għodda elettrika u elettronika; 7. Ġugarelli, tagħmir ta' divertiment u tal-isport; 8. Apparat mediku; 9. Strumenti ta' monitoraġġ u kontroll inklużi strumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali; 10. Apparat ta' distribuzzjoni awtomatika; 11. EEE ieħor mhux kopert mill-kategoriji t'hawn fuq.

⁵ [Perjodu ta' konsultazzjoni](#): mill-20.10.2017 sal-1.12.2017.

⁶ <https://publications.europa.eu/en/publication-detail/-/publication/33a336f0-e0ef-11e8-b690-01aa75ed71a1/language-en/format-PDF/source-85019010>.

⁷ Lista tal-passi amministrattivi meħtieġa tinsab fuq [is-sit web tal-Kummissjoni](#). Wieħed jista' jara l-istadju attwali tal-proċedura għal kull abbozz ta' att delegat fir-Reġistru Interistituzzjonali tal-Atti Delegati fuq <https://webgate.ec.europa.eu/regdel/#/home>.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT

Id-Direttiva Delegata proposta tagħti eżenzjoni mir-restrizzjonijiet fl-Artikolu 4(1), li jridu jiġu elenkati fl-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE, għall-użu taċ-ċomb f'applikazzjonijiet speċifiċi.

L-istrument huwa Direttiva Delegata, kif previst fid-Direttiva 2011/65/UE, u b'mod partikolari f'konformità mar-rekwiżiti rilevanti fl-Artikolu 5(1)(a) tagħha.

Id-Direttiva Delegata għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent u tapprossima d-dispożizzjonijiet għall-funzjonament tas-suq intern fil-qasam tat-tagħmir elettriku u elettroniku, billi tippermetti l-użu ta' sustanzi li altrimenti huma pprojbiti għal applikazzjonijiet speċifiċi, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva RoHS 2 u skont il-kundizzjonijiet mogħtija fiha u skont il-proċedura stabbilita fiha għall-adattament tal-Annessi III u IV għall-progress xjentifiku u tekniku.

Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, il-miżura ma tmurx lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħaq l-għan tagħha.

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet fuq il-baġit tal-UE.

DIRETTIVA DELEGATA TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' 17.12.2019

li temenda, għall-finijiet tal-adattament għall-progress xjentifiku u tekniku, l-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għall-użu taċ-ċomb f' elettrodi tal-platinu platinizzat użati għal ċertu kejl tal-konduttività

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(a) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2011/65/UE teħtiegħ li l-Istati Membri jiżguraw li t-tagħmir elettriku u elettroniku mqiegħed fis-suq ma jkunx fih is-sustanzi perikolużi elenkati fl-Anness II ta' dik id-Direttiva. Dik ir-restrizzjoni ma tapplikax għal ċerti applikazzjonijiet eżentati li huma speċifiċi għall-apparat mediku u għall-istrumenti ta' monitoraġġ u kontroll u li huma elenkati fl-Anness IV ta' dik id-Direttiva.
- (2) Il-kategoriji differenti tat-tagħmir elettriku u elettroniku li għalihom tapplika d-Direttiva 2011/65/UE huma elenkati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva.
- (3) Iċ-ċomb huwa sustanza ristretta elenkata fl-Anness II tad-Direttiva 2011/65/UE.
- (4) Bid-Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/73/UE², il-Kummissjoni tat eżenzjoni għall-użu taċ-ċomb f' elettrodi tal-platinu platinizzat użati għall-kejl tal-konduttività meta jkunu japplikaw ċerti kundizzjonijiet ("l-eżenzjoni"), billi inkludiet l-applikazzjonijiet rilevanti fl-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE. L-eżenzjoni kienet tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2018, skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(2) ta' dik id-Direttiva.
- (5) Fit-30 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni rċeviet applikazzjoni għat-tiġdid tal-eżenzjoni ("it-talba għat-tiġdid"), li hija fi ħdan il-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 5(5) tad-Direttiva 2011/65/UE. Skont dik id-dispożizzjoni, l-eżenzjoni tibqa' valida sakemm tiġi adottata deċiżjoni dwar it-talba għat-tiġdid.
- (6) L-evalwazzjoni tat-talba għat-tiġdid kienet tinkludi konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati skont l-Artikolu 5(7) tad-Direttiva 2011/65/UE.

¹ ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88.

² Id-Direttiva ta' Delega tal-Kummissjoni 2014/73/UE tat-13 ta' Marzu 2014 li temenda, għall-finijiet ta' adattament għall-progress tekniku, l-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb f' elettrodi tal-platinu platinizzat użati għall-kejl tal-konduttività (ĠU L 148, 20.5.2014, p. 80).

- (7) Elettrodi tal-platinu platinizzati li fihom iċ-ċomb jintużaw fi strumenti speċjalizzati għall-kejl li jeħtieġu ċerti kwalitajiet ta' kejl bħal firxa wiesgħa, preċiżjoni għolja, jew affidabbiltà għolja għal konċentrazzjoni qawwija ta' aċidu u ta' alkali.
- (8) Minħabba n-nuqqas ta' sostituti affidabbli, is-sostituzzjoni jew l-eliminazzjoni ta' ċomb fl-applikazzjonijiet ikkonċernati għadha xjentifikament u teknikament imprattikabbli f'ċerti strumenti tal-kejl. It-tiġdid tal-eżenzjoni huwa konsistenti mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³ u għalhekk ma jdgħajjifx il-protezzjoni ambjentali u tas-saħħa mogħtija minnu.
- (9) Għalhekk, jixraq li tiġġedded l-eżenzjoni.
- (10) L-eżenzjoni jenħtieġ li tingħata għall-perjodu ta' validità massima ta' seba (7) sal-31 ta' Diċembru 2025, skont l-Artikolu 4(3) u skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2011/65/UE. Fid-dawl tar-risultati tal-isforzi għaddejjin biex tinstab sostituzzjoni affidabbli, aktarx li t-tul tal-eżenzjoni mhux se jħalli impatti negattivi fuq l-innovazzjoni.
- (11) Għalhekk, jenħtieġ li d-Direttiva 2011/65/UE tiġi emendata kif xieraq,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness IV tad-Direttiva 2011/65/UE huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippublikaw, sa mhux iktar tard minn [l-aħħar jum tat-12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet minn [l-aħħar jum tat-12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva + 1 jum].

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif issir din ir-referenza.
2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

³ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 17.12.2019

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN